MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 3053/1996/1

**Catherine Bugeja u Silvia Bugeja**

**Vs**

**Carmela Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fis-7 ta' Ottubru 1996, il-Qorti ta' l-Appell ippronunzjat sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Catherine Bugeja u Silvia Bugeja vs Joseph Aquilina u b'digriet tas-17 ta' Jannar 1992, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmela Aquilina", Citazzjoni numru 104/89B, li kienet tittratta minn appell minn decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera;

Premess illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li semghet u ddecidiet l-appell imsemmi kienet komposta mis-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef u minn zewg Imhallfin ohra, mentri skond l-artikolu 741(2) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili f'appelli minn decizjonijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera l-Qorti ta' l-Appell tkun komposta minn Imhallef wiehed;

Premess illi ghalhekk il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza imsemmija bejn l-istess partijiet odjerni ma kienetx komposta regolarment skond il-ligi u ghalhekk mhix kompetenti sabiex tippronunzja is-sentenza imsemmija u l-imsemmija sentenza mhix valida u ma tistax taghmel stat bejn il-partijiet;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li (a) L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li ppronunzjat is-sentenza tas-7 ta' Ottubru 1996 fl-appell fl-ismijiet "Catherine Bugeja u Silvia Bugeja vs Joseph Aquilina u b'digreit tas-17 ta' Jannar 1992, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmela Aquilina" ma kienetx komposta regolarment skond il-ligi, u (b) li s-sentenza imsemmija inghatat ghalhekk minn Qorti li ma kellhiex il-kompetenza li tippronunzjha, u (c) li ghalhekk l-imsemmija sentenza ma hix valida u ma taghmilx stat bejn il-partijiet u li ma tistax tigi esegwita;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-appell imsemmi Rikors numru 104/89B, kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li fiha hija eccepiet:-

Preliminarjament l-irritwalita ta' l-azzjoni attrici a tenur ta' l-Artikolu 2(1) ta' l-Att XXXII ta' l-1997;

Illi, fil-mertu bla pregudizzju ghall-premess, li s-sentenza impunjata u l-proceduri kollha li pprocedewha kienu validi u skond il-ligi u jaghmlu stat definittiv fil-konfront ta' l-atturi;

Ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-noti sottomessi mill-abbli difensuri;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda sentenza ppronunzjata fis-7 ta' Ottubru 1996 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fuq appell li kien sar minn decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera; illi l-Qorti ta' l-Appell li ppronunzjat din is-sentenza kienet komposta minn tliet Imhallfin mentri skond l-Artikolu 741(2) tal-Kap. 12 il-Qorti ta' l-Appell kellha tkun f'cirkostanzi bhal dawk komposta minn Imhallef wiehed;

Illi minhabba dawn ic-cirkostanzi l-atturi talbu lill-Qorti tiddikjara li l-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija ma kienetx komposta regolarment, ma kienetx kompetenti u ghalhekk ma kienetx valida;

Illi minn naha taghha il-konvenuta eccepiet (oltre l-eccezzjoni dwar il-meritu) preliminarjament l-irritwalita` ta' l-azzjoni fid-dawl ta' l-Artikolu 2(1) ta' l-Att XXXII ta' l-1997;

Illi l-partijiet qablu li t-trattazzjoni tkun limitata ghal konsiderazzjoni ta' l-imsemmija eccezzjoni preliminari u li l-Qorti tiddeciedi l-ewwel din l-eccezzjoni; gewipprezentati noti dwar il-punti involuti u l-imsemmija eccezzjoni giet

ukoll trattata estensivament verbalment mill-abbli difensuri;

Illi l-allegazzjoni fattwali maghmula mill-atturi ma jidhirx li giet kontesta, jigifieri gie accettat li meta inghatat l-imsemmija sentenza tas-7 ta' Ottubru 1996, il-Qorti ta' l-Appell biex tikkonsidra appelli mis-sentenzi tal-Bord li Jirregola l-Kera kellha tkun komposta minn Imhallef wiehed u dan skond l-artikolu 741 (2) tal-Kap. 12, mentri l-imsemmi appell gie ttrattat u deciz minn Qorti komposta minn tliett Imhallfin. Illi ghalhekk jidher li dan ma kienx skond id-disposizzjonijiet allura applikabbli;

Illi ezami tar-registru ta' din il-Qorti jindika li sitwazzjoni simili irripetiet ruhha f'diversi kawza simili u x'aktarx per konsegwenza in segwitu ghal dan il-legislatur iddecieda li jirrimedja tali nuqqas permezz ta' l-approvazzjoni ta' l-Artikolu 2(1) ta' l-Att XXXII ta' l-1997; illi dan l-ahhar Att ipprovda b'mod car biex jaghmel validu kull difett ta' forma li seta' kien hemm fil-komposizzjoni tal-Qorti ta' l-Appelli minn decizjonijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera;

Illi fl-imsemmi sub-artikolu li gie introdott wara li l-imsemmija sentenza kienet inghatat, il-ligi tipprovdi proprju li "ghandu jitqies bhala li jkun gie validament deciz minkejja li l-Qorti ta' l-Appell ma kienetx maghmula skond ma hemm fl-Artikolu 6 ta' dan il-Kodici". Dana kien proprju l-punt li gie sottomess b'mod elokwenti mill-atturi meta qalu "illi l-Artikolu 41(6) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi fis-smiegh ta' appelli minn decizjonijiet, *inter alia*, tal-Bord li Jirregola l-Kera, il-Qorti ta' l-Appell trid tkun preseduta minn imhallef wiehed u illi jekk wiehed jifli l-proceduri fl-appell li qed jigi attakkat permezz ta' din l-odjerna kawza intavolata mill-atturi, jirrizulta b'mod car u manifest illi l-Qorti ta' l-Appell ma kienetx komposta kif trid il-ligi, u cioe` minn imhallef wiehed, izda kienet komposta irregolarment minn tliet imhallef.";

Illi l-atturi insistew li l-imsemmi provvediment li gie introdott bl-Artikolu 2(1) ta' l-Att XXXII ta' l-1997 ma kellux ikollu effett retroattiv; dan ir-ragunament anke jekk facilment jista' jiftiehem, imur kontra l-kelma espressa tal-

ligi u din il-Qorti ma tistax hlief tapplika l-ligi kif inhi meta l-kelma ma thallix dubji fl-interpretazzjoni litterari taghha;

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-verbal tas-16 ta' Gunju 2000 fejn id-difensur ta' l-atturi wara li saret it-trattazzjoni dwar il-punti legali involuti "talab li jirregola ruhu fid-dawl tal-possibilita` li jittiehdu proceduri f'sede ohra".  Illi din il-Qorti hija marbuta b'disposizzjonijiet tal-ligijiet vigenti tal-pajjiz u dawn, sa kemm ma jinbiddlux jew dikjarati nulli minn xi Qorti kompetenti, jivvalidaw kull nuqqas li seta' kien hemm fil-komposizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell li tkun semghet appelli minn decizjonijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera u dan applikabbli anki ghal meta inghatat is-sentenza *de quo*.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta fejn eccepiet l-irritwalita` ta' l-azzjoni attrici a tenur ta' l-Artikolu 2(1) ta' l-Att XXXII ta' l-1997; u wara li tilqa' l-ewwel talba attrici fis-sens li l-Qorti meta nghatat is-sentenza ma kienetx komposta regolarment skond il-ligi allura vigenti, izda tichad it-Tieni u t-Tielet Talba kif dedotti fic-citazzjoni.

L-ispejjez fic-cirkostanzi jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur